IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.9.2026
COM(2026) 469 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-ħidma tal-kumitati fl-2025

{SWD(2026) 276 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-ħidma tal-kumitati fl-2025

1. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni tippreżenta r-rapport annwali tagħha dwar il-ħidma tal-kumitati fl-2025 f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[1] (ir-"Regolament dwar il-Komitoloġija").

Ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fl-2025 fis-sistema tal-"komitoloġija", li tirreferi għall-kumitati li l-Kummissjoni titlob li jagħtu opinjoni dwar abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn il-kumitati huma magħmulin mir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ppreseduti mill-Kummissjoni. Huma jsegwu proċeduri operattivi differenti skont l-att legali bażiku rilevanti li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni (ara t-Tabella II).

Ir-rapport jipprovdi sommarju tal-attivitajiet tal-kumitati. Huwa akkumpanjat minn **dokument ta' ħidma tal-persunal** li fih statistika dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitati individwali għal kull settur ta' politika[2]. Jenfasizza l-bidliet u x-xejriet ewlenin osservati fuq bażi annwali, billi jippreżenta ċifri ġenerali dwar il-laqgħat, il-proċeduri bil-miktub, l-opinjonijiet mogħtija (jiġifieri opinjoni pożittiva, negattiva jew l-ebda opinjoni) u l-atti adottati. Jipprovdi wkoll ħarsa ġenerali lejn il-każijiet riferuti lill-Kumitat tal-Appell u l-eżerċizzju tad-dritt ta' skrutinju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (il-"koleġiżlaturi") skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija. Tingħata wkoll informazzjoni dwar il-miżuri adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IŻVILUPPI FIS-SISTEMA TAL-KOMITOLOĠIJA FL-2025

2.1. Żviluppi ġenerali

Fl-2025, il-kumitati tal-komitoloġija komplew joperaw skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament dwar il-Komitoloġija, jiġifieri l-proċedura konsultattiva (l-Artikolu 4) u l-proċedura ta' eżami (l-Artikolu 5), kif ukoll il-proċedura regolatorja bi skrutinju stabbilita fl-Artikolu 5a[3] tad-Deċiżjoni dwar il-Komitoloġija[4].

Il-laqgħat kollha, irrispettivament mill-format tagħhom (wiċċ imb wiċċ, mill-bogħod jew ibridu), huma elenkati bħala laqgħat fir-Reġistru tal-Komitoloġija[5], u r-rekord sommarju jispeċifika l-format tal-laqgħa.

---

1 ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

2 Kif kopert mid-dipartimenti tal-Kummissjoni li jittrattaw l-oqsma ta' politika rispettivi.

3 Għal aktar dettalji dwar l-użu ta' din il-proċedura, ara t-Taqsima 3.5.

4 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni, mogħtija lill-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

5 https://ec.europa.eu/transparency/comitology-register/screen/home

Il-programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2025, ippreżentat fil-11 ta' Frar 2025, ippropona li tiġi rtirata l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-allinjament ta' atti li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona[6] kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta' Frar 2017[7] li għandha l-għan li temenda r-Regolament dwar il-Komitoloġija rigward il-Kumitat ta' Appell u li tindirizza sitwazzjonijiet ta' "l-ebda opinjoni" f'oqsma sensittivi. L-irtirar tal-proposta kien ġustifikat min-nuqqas ta' progress fin-negozjati, fid-dawl li l-pożizzjonijiet rispettivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill baqgħu mbiegħda. Il-Kummissjoni rtirat dawn iż-żewġ proposti fis-6 ta' Ottubru 2025[8].

Madankollu dan ma jqajjimx dubji dwar il-ħtieġa li wieħed jipproċedi bl-allinjament tas-setgħat li fadal għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, kif maqbul mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni fil-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[9].
Għalhekk, il-Kummissjoni tkompli bl-allinjament ta' dawn is-setgħat eżistenti mat-Trattat ta' Liżbona fil-kuntest tar-reviżjoni/emenda sostantiva tal-atti leġiżlattivi individwali li għad fihom tali setgħat.

Fil-Komunikazzjoni dwar is-Simplifikazzjoni[10] u r-Rapport ta' Progress dwar is-Simplifikazzjoni[11] tagħha, il-Kummissjoni indikat il-ħtieġa għal skrutinju aktar mill-qrib tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni biex jiġi identifikat jekk tali atti humiex legalment meħtieġa u jekk jissimplifikawx il-qafas regolatorju jew humiex meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-UE. Fuq l-istess linja, il-Kummissjoni stiednet ukoll lill-koleġiżlaturi japplikaw l-istess prinċipji meta jikkunsidraw setgħat ġodda għal leġiżlazzjoni ġdida.

2.2. Żviluppi ġurisprudenzjali

Adita b'appell mis-sentenza Pollinis (Kawża C-726/22 P), il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-kunċett ta' proċess deċiżjonali kurrenti fil-kuntest ta' proċedura ta' kumitat tal-komitoloġija. Il-każ, li huwa rilevanti f'termini ta' trasparenza tal-proċeduri u d-dokumenti tal-komitoloġija, dwar aċċess għad-dokument rikjest[12] inkluż dokumenti relatati mal-ħidma tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (SCoPAFF), li jirreġistra l-pożizzjonijiet tar-rappreżentanti tal-Istati Membri (fil-kumitat) u l-iskambji tagħhom mal-Kummissjoni, li l-Kummissjoni rrifjutat li tiddivulga fost l-oħrajn biex tipproteġi l-proċedura ta' teħid tad-deċiżjonijiet li kienet għada għaddejja. Fl-ewwel istanza, il-

---

6 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, COM (2016) 799 final.

7 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, COM(2017) 085 final.

8 C/2025/5423, l-irtirar tal-proposti tal-Kummissjoni, ĠU C, 6.10.2025.

9 Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, pp. 1–14, il-punt 27, tiegħu.

10 Ewropa aktar sempliċi u rapida, Komunikazzjoni dwar l-Implimentazzjoni u s-Simplifikazzjoni, 12.2.2025, COM(2025)47

11 Ir-Rapport Ġenerali Annwali 2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar, 21.10.2025, COM(2025)871

12 Id-dokumenti rikjesti kienu relatati ma' dokument ta' gwida mfassal mill-EFSA fl-2013 li kien il-punt tat-tluq tal-proċedura tal-komitoloġija inkwistjoni. Id-dokument kien diskuss għall-bosta snin fis-SCoPAFF, mingħajr ma ntlaħaq qbil dwar it-test tiegħu fost l-Istati Membri u mingħajr ma ġie adottat mill-Kummissjoni. Fl-2019, il-Kummissjoni talbet lill-EFSA biex tirrevedi d-dokument ta' gwida tagħha biex tikkunsidra l-iżviluppi xjentifiċi riċenti.

Qorti rrifjutat il-premessa li l-konfidenzjalità tal-proċeduri tal-komitoloġija, kif riflessi f'ċerti dispożizzjonijiet ta' Regoli Proċedurali Standard tal-kumitati tal-komitoloġija, tipprovdi preżunzjoni ġenerali ta' nondivulgazzjoni skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[13].

Fl-appell, il-Qorti ffukat biss fuq l-aspett speċifiku tal-eċċezzjoni relatata mal-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet inkwistjoni u jekk għandhiex tiġi kklassifikata li għadha għaddejja jew magħluqa. Hija ddeċidiet li l-proċedura ma setgħetx titqies li għadha għaddejja abbażi tas-sempliċi fatt li l-kumitat tal-komitoloġija kien għadu ma setax jadotta pożizzjoni dwar dokument ta' gwida mfassal mill-EFSA fl-2013 u li kien talab ir-reviżjoni tiegħu qabel ma reġa' beda l-proċedura tal-komitoloġija. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din ir-reviżjoni kienet tfisser li l-għan speċifiku ta' deċiżjoni futura kien għadu ma ġiex iddefinit b'mod suffiċjenti. Konsegwentement, ir-riskju li d-divulgazzjoni tad-dokument mitlub jippreġudika l-proċess deċiżjonali kien, mid-definizzjoni tiegħu stess, ipotetiku peress li, fil-prattika, ikun impossibbli li jiġi vverifikat jekk il-kontenut ta' dan id-dokument effettivament jikkonċernax dan il-proċess deċiżjonali. Konsegwentement, l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni ġie miċħud.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet

Iċ-ċifri indikati fit-taqsimiet li ġejjin huma bbażati fuq is-sejbiet ippreżentati fid-dettall fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

3.1. Għadd ta' kumitati

Dan ir-rapport jiffoka esklussivament fuq il-kumitati tal-komitoloġija, li ġew stabbiliti mil-leġiżlatur biex jassistu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tagħha tas-setgħat ta' implimentazzjoni li ngħatawlha permezz ta' atti legali bażiċi. Entitajiet oħra, b'mod partikolari l-gruppi tal-esperti stabbiliti mill-Kummissjoni, mhumiex koperti minn dan ir-rapport**.** It-Tabella I turi n-numru ta' kumitati tal-komitoloġija li kienu jeżistu matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025[14], biċ-ċifri għas-sena ta' qabel miżjuda għat-tqabbil.

---

[13] Fis-sentenza tal-ewwel istanza li ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li "*l-proċeduri ta' komitoloġija, u b'mod partikolari r-Regoli Standard tal-Proċedura, ma jirrikjedux, fihom infushom, li l-aċċess għad-dokumenti li juru l-pożizzjoni individwali tal-Istati Membri fi ħdan l-iSCoPAFF jiġi rrifjutat sabiex jiġi protett il-proċess deċiżjonali ta' dan il-kumitat, fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, li, madankollu, bl-ebda mod ma jipprekludi lill-Kummissjoni, f'każijiet debitament iġġustifikati, milli tirrifjuta l-aċċess għad-dokumenti li juru l-pożizzjoni individwali tal-Istati Membri fi ħdan l-imsemmi kumitat meta d-divulgazzjoni tagħhom tkun ta' natura li tippreġudika konkretament l-interessi protetti mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001*" (il-punt 107 tas-sentenza).

[14] Xi kumitati kienu jeżistu biss matul parti mis-sena skont il-bidu/it-tmiem eżatt tal-validità tal-att legali bażiku tagħhom.

TABELLA I — GĦADD TOTALI TA' KUMITATI

Dipartiment tal-Kummissjoni	2024	2025
AGRI (Agrikoltura u Żvilupp Rurali)	11	10
BUDG (Baġit)	2	2
CLIMA (Azzjoni Klimatika)	7	5
CNECT (Networks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija)	17	16
COMP (Kompetizzjoni)	2	2
DEFIS (Industrija tad-Difiża u l-Ispazju)	10	11
DIGIT (Servizzi Diġitali)	1	1
EAC (Edukazzjoni u Kultura)	4	4
ECFIN (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)	2	2
ECHO (Għajnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili)	2	2
EMPL (Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni)	6	4
ENER (Enerġija)	16	15
ENEST (Tkabbir u Viċinat tal-Lvant)	-	3
ENV (Ambjent)	29	31
ESTAT (Eurostat)	1	1
FISMA (Stabbilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali)	11	10
FPI (Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija)	1	1
GROW (Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs)	46	46
HERA (Theijija u Rispons f'Każ ta' Emerġenza tas-Saħħa)	1	1
HOME (Migrazzjoni u Affarijiet Interni)	25	28
INTPA (Sħubijiet Internazzjonali)	3	3
JUST (Ġustizzja u Konsumaturi)	32	33
MARE (Affarijiet Marittimi u Sajd)	3	3
MENA (il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq)	-	1
MOVE (Mobilità u Trasport)	35	33
NEAR (Viċinat u Negozjati għat-Tkabbir) *(maqsuma f'MENA u ENEST mill-1.2.2025)*	3	-
OLAF (Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi)	1	1
REFORM (Appoġġ għal Riformi Strutturali)	1	0
REGIO (Politika Reġjonali u Urbana)	2	3
RTD (Riċerka u Innovazzjoni)	17	19
SANTE (Saħħa u Sikurezza Alimentari)	33	34
SG (Segretarjat Ġenerali) *Inkluż il-Kumitat ta' Appell*[15]	4	4
TAXUD (Tassazzjoni u Unjoni Doganali)	27	28
TRADE (Kummerċ)	13	13
TOTAL	**368**	**370**

Fl-2025, kien hemm **370 kumitat tal-komitoloġija**, inklużi konfigurazzjonijiet tal-kumitati[16]. Filwaqt li diversi kumitati ġodda ġew stabbiliti permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida li daħlet fis-seħħ fl-2025, l-għadd globali baqa' stabbli meta mqabbel mal-2024 (368 kumitat) peress li xi kumitati ġew aboliti wkoll matul is-sena[17].

---

15 Il-Kumitat ta' Appell huwa rreġistrat fir-Reġistru tal-Komitoloġija bħala kumitat taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat Ġenerali. Fil-prattika, madankollu, huwa ġestit mid-dipartimenti kkonċernati.

16 Fi ftit atti bażiċi l-leġiżlatur ippreveda konfigurazzjonijiet speċifiċi tal-kumitat. Dawn huma ppreżentati individwalment fid-dokument ta' ħidma tal-persunal u kull wieħed minnhom jingħadd separatament fiċ-ċifra globali tal-kumitati. Mingħajr ma jingħaddu l-konfigurazzjonijiet individwali separatament, l-għadd totali ta' kumitati kien ta' 318.

17 F'xi każijiet, leġiżlazzjoni ġdida li daħlet fis-seħħ matul is-sena ssostitwiet (ħassret) il-leġiżlazzjoni l-antika u stabbiliet kumitat ġdid għall-istess qasam ta' politika u għalhekk kien jeżisti kumitat "antik" u kumitat "ġdid" f'partijiet differenti tas-sena skont l-atti bażiċi rispettivi; dawn jingħaddu t-tnejn li huma għas-sena. Iċ-ċifra tal-kumitati fi tmiem is-sena (362), imnaddfa minn tali "effetti ta' duplikazzjoni" (u bl-esklużjoni wkoll tal-kumitati li tneħħew matul is-sena) hija konsegwentement iżgħar.

It-Tabella II turi analiżi tal-kumitati fl-2025 skont it-tip ta' proċedura li biha operaw (jiġifieri l-proċedura konsultattiva, il-proċedura ta' eżami, il-proċedura regolatorja bi skrutinju). Il-kumitati b'diversi proċeduri[18] huma indikati separatament.

TABELLA II — GĦADD TA' KUMITATI SKONT IL-PROĊEDURA

Dipartiment tal-Kummissjoni	Tip ta'proċedura				
	Eżaminazzjoni	Konsultattiva	Regolatorja bi skrutinju	Proċeduri multipli	TOTAL
AGRI	7	0	0	3	10
BUDG	1	1	0	0	2
CLIMA	2	0	0	3	5
CNECT	10	1	0	5	16
COMP	0	1	0	1	2
DEFIS	4	0	0	7	11
DIGIT	1	0	0	0	1
EAC	3	0	0	1	4
ECFIN	1	0	0	1	2
ECHO	2	0	0	0	2
EMPL	0	1	1	2	4
ENER	7	2	0	6	15
ENEST	3	0	0	0	3
ENV	16	0	1	14	31
ESTAT	0	0	0	1	1
FISMA	5	0	2	3	10
FPI	1	0	0	0	1
GROW	16	2	2	26	46
HERA	1	0	0	0	1
HOME	22	2	0	4	28
INTPA	3	0	0	0	3
JUST	21	7	0	5	33
MARE	1	0	0	2	3
MENA	1	0	0	0	1
MOVE	14	2	1	16	33
OLAF	1	0	0	0	1
REGIO	0	1	0	2	3
RTD	13	0	0	6	19
SANTE	15	0	0	19	34
SG *Inkluż il-Kumitat ta' Appell*	3	0	0	1	4
TAXUD	12	0	0	16	28
TRADE	5	2	0	6	13
TOTAL:	**191**	**22**	**7**	**150**	**370**

[18] Dan huwa l-każ fejn l-att jew l-atti bażiċi jipprevedu l-użu ta' proċeduri ta' komitoloġija differenti għal miżuri ta' implimentazzjoni differenti. It-tabella tippreżenta s-sitwazzjoni legali kif previst mill-atti bażiċi; fil-prattika jista' jiġri li fejn l-atti bażiċi jipprevedu proċeduri differenti, kumitat jaġixxi biss skont waħda mill-proċeduri biex jadotta l-opinjoni tiegħu dwar abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni f'sena partikolari.

3.2. Għadd ta' laqgħat u proċeduri bil-miktub

L-intensità tal-attività tal-kumitati hija ddefinita primarjament min-numru ta' laqgħat tal-kumitat li jsiru u mill-proċeduri bil-miktub[19] li jsiru. Dawn jidhru fit-Tabella III.

TABELLA III — GĦADD TA' LAQGĦAT U PROĊEDURI BIL-MIKTUB

Dipartiment tal-Kummissjoni	Għadd ta' kumitati	Laqgħat		Proċeduri bil-miktub	
		2024	2025	2024	2025
AGRI	10	86	72	2	9
BUDG	2	4	4	0	0
CLIMA	5	9	9	11	6
CNECT	16	28	30	13	10
COMP	2	4	6	0	0
DEFIS	11	49	37	9	15
DIGIT	1	1	2	0	1
EAC	4	10	10	18	17
ECFIN	2	21	18	0	0
ECHO	2	5	4	4	3
EMPL	4	0	0	0	0
ENER	15	10	29	20	12
ENEST	3	-	13	-	6
ENV	31	28	34	9	6
ESTAT	1	3	3	5	9
FISMA	10	9	5	11	16
FPI	1	3	3	0	0
GROW	46	35	46	43	39
HERA	1	0	0	0	0
HOME	28	53	71	22	24
INTPA	3	21	22	12	7
JUST	33	26	67	6	7
MARE	3	4	3	6	2
MOVE	33	39	43	13	18
MENA	1	-	4	-	2
NEAR	(3)	17	-	15	-
OLAF	1	0	0	0	0
REGIO	3	1	1	1	1
RTD	19	56	60	222	160
SANTE	34	107	112	704	659
SG *Inkluż il-Kumitat ta' Appell*	4	5	6	0	0
TAXUD	28	30	32	30	42
TRADE	13	29	40	35	51
TOTAL:	**370**	**693**[20]	**786**	**1211**	**1122**

Kien hemm **786 laqgħa** fl-2025, ftit iktar milli fl-2024 (meta kien hemm 693 laqgħa), u **1122 proċedura bil-miktub**, li huwa inqas mis-sena ta' qabel (meta kien hemm 1211 proċedura bil-miktub).

[19] Il-votazzjoni tal-kumitati tista' sseħħ f'laqgħa regolari tal-kumitat jew, f'każijiet debitament ġustifikati, permezz ta' proċedura bil-miktub, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Komitoloġija.

[20] F'COM(2025)642 u l-SWD(2025) 334 korrispondenti kien hemm żball fattwali: l-għadd korrett ta' laqgħat tal-FPI huwa tlieta (flok tnejn) u konsegwentament l-għadd totali ta' laqgħat fl-2024 kien 693 (flok 692).

3.3. Għadd ta' opinjonijiet u atti ta' implimentazzjoni

Dan ir-rapport jagħti wkoll indikazzjoni tal-output tanġibbli tal-kumitati, li huwa indikatur importanti ieħor tal-livell ta' attività.

TABELLA IV — GĦADD TA' OPINJONIJIET U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI ADOTTATI[21]

Dipartiment tal-Kummissjoni	Opinjonijiet[22]		Atti ta' implimentazzjoni adottati		Riżoluzzjonijiet tal-Parlament / Deċiżjonijiet tal-Kunsill (l-Artikolu 11)
	2024	2025	2024	2025	2025
AGRI	86	70	76	72	0
BUDG	0	0	0	0	0
CLIMA	20	16	17	18	0
CNECT	43	59	43	58	0
COMP	5	5	5	5	0
DEFIS	18	18	12	15	0
DIGIT	0	1	0	1	0
EAC	20	20	18	17	0
ECFIN	32	42	32	41	0
ECHO	5	5	5	5	0
EMPL	0	0	0	0	0
ENER	21	24	18	19	0
ENEST	-	27	-	26	0
ENV	20	17	17	22	1
ESTAT	15	15	13	12	0
FISMA	12	16	11	13	0
FPI	0	0	0	0	0
GROW	127	82	83	103	0
HERA	0	0	0	0	0
HOME	45	46	54	40	0
INTPA	103	96	103	93	1
JUST	13	15	11	15	0
MARE	11	5	10	7	0
MENA	-	21	-	21	0
MOVE	43	40	46	36	0
NEAR	63	-	62	-	0
OLAF	0	0	0	0	0
REGIO	1	1	1	1	0
RTD	221	160	209	129	0
SANTE	1076	1176	969	1133	0
SG*	11	11	0	0	11
TAXUD	36	56	44	39	0
TRADE	82	119	79	103	0
TOTAL:	**2129**	**2163**	**1938**	**2044**	**13**

**Inkluż opinjonijiet mogħtija mill-Kumitat ta' Appell. Sabiex jiġi evitat l-għadd doppju, l-atti ta' implimentazzjoni adottati li jgħaddu mill-Kumitat ta' Appell jingħaddu mal-kumitati tal-ewwel livell fl-oqsma ta' politika rispettivi. Ara wkoll it-Taqsima 3.4 u t-Tabella V.*

[21] Fir-rigward tal-atti ta' implimentazzjoni adottati, l-indikazzjoni tad-dipartimenti tal-Kummissjoni (oqsma ta' politika) tfisser li l-atti inkwistjoni tħejjew (ġew diskussi u/jew ivvutati) f'kumitat ġestit mid-dipartiment rispettiv tal-Kummissjoni; f'xi każijiet l-adozzjoni fattwali tal-att kienet żgurata formalment minn dipartiment ieħor tal-Kummissjoni.

[22] Votazzjoni li tirriżulta f'"l-ebda opinjoni" tingħadd fl-għadd totali ta' opinjonijiet peress li dan huwa eżitu wieħed possibbli fil-kumitat.

It-Tabella IV turi ċ-ċifri ġenerali dwar l-opinjonijiet formali mogħtija mill-kumitati u l-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti adottati mill-Kummissjoni[23]. Tindika wkoll il-każijiet fejn il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill eżerċitaw id-dritt tagħhom ta' skrutinju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija.

Il-kumitati taw 2163 opinjoni [24]fl-2025, żieda żgħira meta mqabbel mal-2024 (2129). B'mod simili, l-2044 att ta' implimentazzjoni adottati[25] wara proċedura ta' kumitat kienu iktar mis-sena preċedenti (1938).

Meta att bażiku jiġi adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom dritt ta' skrutinju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija fejn kull wieħed minnhom jista' jindika jekk abbozz ta' att ta' implimentazzjoni jeċċedix is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija mill-att bażiku. Fl-2025, il-Parlament Ewropew adotta 13-il riżoluzzjoni bbażati fuq l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Komitoloġija. Il-Kunsill ma eżerċitax id-dritt tiegħu skont din id-dispożizzjoni fl-2025.

3.4. Laqgħat tal-Kumitat ta' Appell

Kif indikat fit-Tabella V hawn taħt, il-Kumitat ta' Appell iltaqa' sitt darbiet matul l-2025 u ddiskuta 11-il abbozz ta' atti ta' implimentazzjoni li rreferietlu l-Kummissjoni. Filwaqt li vvota fil-laqgħat fil-każijiet kollha u ma użax il-proċeduri bil-miktub, huwa ta "l-ebda opinjoni" fil-każijiet kollha[26]. Wara l-votazzjonijiet rispettivi tal-Kumitat ta' Appell, il-Kummissjoni adottat għaxra mill-atti ta' implimentazzjoni (tnejn mill-adozzjonijiet waqgħu fl-2026), filwaqt li abbozz ta' att wieħed fl-aħħar mill-aħħar ma ġiex adottat peress li t-talba sottostanti għall-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq ġiet irtirata.

TABELLA V — ATTIVITÀ TAL-KUMITAT TA' APPELL

Dipartiment tal-Kummissjoni	Għadd ta' laqgħat/konsultazzjonijiet bil-miktub tal-Kumitat ta' Appell		Għadd ta' opinjonijiet[27] tal-Kumitat ta' Appell		Għadd ta' atti adottati wara opinjoni tal-Kumitat ta' Appell	
	2024	2025	2024	2025	2024	2025
MOVE	1/0	0/0	1	0	1	0
SANTE	4/0	6/0	10	11	10	8
TOTAL:	**5/0**	**6/0**	**11**	**11**	**11**	**8**

[23] L-għadd ta' opinjonijiet u atti/miżuri ta' implimentazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari jista' jvarja; ir-raġunijiet għal dan huma spjegati fl-introduzzjoni tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

[24] Il-maġġoranza l-kbira tal-voti fil-kumitati kienu pożittivi, "l-ebda opinjoni" ngħatat f'29 każ (inkluż dawk li eventwalment ġew riferuti lill-Kumitat ta' Appell). Kien hemm vot negattiv wieħed mogħti fil-kuntest ta' proċedura konsultattiva (Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ta' ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR); konsegwentement l-att ġie adottat mill-Kummissjoni.

[25] Minn dawn l-atti, 716 emendaw atti preċedenti diġà eżistenti.

[26] Aktar dettalji jinstabu wkoll fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

[27] It-terminu "opinjoni" jinkludi wkoll ix-xenarju fejn l-eżitu formali huwa "l-ebda opinjoni" li jfisser li ma hemm l-ebda maġġoranza meħtieġa la għal naħa u lanqas għal oħra. L-għadd ta' "l-ebda opinjoni" huwa indikat fil-parentesi.

3.5. Użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju

Ir-Regolament dwar il-Komitoloġija żamm l-effetti tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-finijiet tal-atti legali bażiċi eżistenti li jirreferu għaliha[28]. Din il-proċedura ma tistax tibqa' tiġi introdotta f'leġiżlazzjoni ġdida, iżda għadha tidher f'diversi atti legali bażiċi eżistenti u se tkompli tapplika skont dawk l-atti sakemm dawn is-setgħat jiġu adattati għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE) u possibbilment jinbidlu f'setgħat għal atti delegati jew għal atti ta' implimentazzjoni.

Fl-2025, ġew adottati **53 miżura** skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju (ara t-Tabella VI), inqas minn dawk adottati fl-2024 (meta ġew adottati 67 miżura). Id-dritt ta' oppożizzjoni għal atti skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju ma ntużax mill-koleġiżlaturi fl-2025 (meta mqabbel mal-2024 meta huma użaw dan id-dritt darbtejn).

TABELLA VI — GĦADD TA' MIŻURI ADOTTATI SKONT IL-PROĊEDURA REGOLATORJA BI SKRUTINJU

Dipartiment tal-Kummissjoni	Proċedura regolatorja bi skrutinju – miżuri adottati[29]	Il-Parlament Ewropew oppona l-adozzjoni ta' abbozzi ta' miżuri	Il-Kunsill oppona l-adozzjoni ta' abbozzi ta' miżuri
AGRI	0	0	0
BUDG	0	0	0
CLIMA	0	0	0
CNECT	0	0	0
COMP	0	0	0
DEFIS	0	0	0
EAC	0	0	0
ECHO	0	0	0
ECON	0	0	0
EMPL	0	0	0
ENER	4	0	0
ENEST	0	0	0
ENV	3	0	0
ESTAT	1	0	0
FISMA	3	0	0
FPI	0	0	0
GROW	7	0	0
HERA	0	0	0
HOME	0	0	0
INTPA	0	0	0
JUST	0	0	0
MARE	0	0	0
MOVE	0	0	0
MENA	0	0	0
NEAR	0	0	0
OLAF	0	0	0
REGIO	0	0	0
RTD	0	0	0
SANTE	35	0	0
SG	0	0	0
TAXUD	0	0	0
TRADE	0	0	0
TOTAL	**53**	**0**	**0**

[28] L-Artikolu 12, it-tieni paragrafu tar-Regolament tal-Komitoloġija.

[29] Il-miżura hija attribwita fit-tabella lid-dipartiment tal-Kummissjoni li mexxa l-kumitat li kien qed iħejji l-miżura. Dan jista' jkun differenti minn dak li adottah formalment. Ara n-nota 20 f'qiegħ il-paġna.

4. KONKLUŻJONI

Il-kumitati komplew jaħdmu fl-2025 f'livell simili ta' intensità bħas-sena ta' qabel. Kien hemm 370 kumitat, li kellhom 786 laqgħa, wettqu 1122 proċedura bil-miktub u taw 2163 opinjoni, li wasslu għall-adozzjoni ta' 2044 att ta' implimentazzjoni u 53 miżura skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju. Billi jabilitaw lill-Istati Membri biex jeżerċitaw is-setgħat ta' kontroll tagħhom f'konformità mar-Regolament dwar il-Komitoloġija, il-kumitati jipprovdu assistenza siewja lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lilha mill-koleġiżlaturi.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport.